DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 2789** **20. 12. 2012**

## AZZJONI KONĠUNTA DWAR TRAĊĊABILITÀ TA' LAĦAM TAT-TJUR

F'azzjoni konġunta li saret il-bieraħ bejn id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali u d-Dipartiment dwar ir-Regolamentazzjoni Veterinarja u Fitosanitarji, uffiċjali minn dawn l-entitajiet issiġillaw 'il fuq minn 106kg ta' prodotti tat-tjur frisk minħabba nuqqas ta' traċċabilità u madwar 8kg tiġieġ sħiħ li kien qed jiġi mibjugħ bħala ta' oriġini Maltija meta kien ġej mill-Italja. Dawn il-prodotti ġew issiġillati minn żewġ operaturi differenti u azzjoni legali ser tittieħed kontra tagħhom.

Għal darb'oħra, l-operaturi tan-negozji tal-ikel, qed jiġu mfakkra bid-dmirijiet tagħhom partikolarment biex jiżguraw traċċabilità tal-provvista tal-ikel u biex lill-konsumatur iwaslulu informazzjoni li mhix qarrieqa.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt